MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru. 213/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPEETTUR STEPHEN MALLIA**

**KONTRA**

**LUDVIG BUGEJA ta' 34 sena, iben Angelo u Yvonne nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar il-05.02.1976, residenti fil-fond numru 18, Triq l-Iljun, Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113 276 M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **LUDVIG BUGEJA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' Frar, 2003 ghall-habta tas-2.45pm, fi Triq is-Sammat, Tarxien, bil-hsieb li jikkometti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta'

delitt ta’ serq minn go vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni SON 171, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun aggravat bl-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ Brian Mizzi minn Marsascala;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew gabilha disordni f’mohhha, u cioe’ kkaguna griehi ta’ natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta’ Brian Mizzi minn Marsascala skond kif iccertifikaw Dr D Debono MD tad-Dipartiment tal-Emergenza u Dr Calleja MD tal-Isptar San Luqa;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara f’vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni SON 171 liema hsara tiskorri l-Lm50.00, ghad-dannu ta’ Brian Mizzi minn Marsascala;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies, u cioe’ kontra Brian Mizzi u martu Sonia Mizzi minn Marsascala, u kontra Michael Mercieca minn Hal-Tarxien;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, waqt li kien qieghed jikkometti l-imsemmija reati/delitti, kellu fil-pussess tieghu u garr fuqu arma bil-ponta (turnavit), minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

7. U fl-ahharnett talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv

tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 16 ta' Mejju, 2001.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi lilu dedotti;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe' 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(a)(b), 263, 267, 274(b), 271(g), 276, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 19, u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 49, 50, 28A, u 28B tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-istess Artikoli l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 88);

Rat ukoll li gie redatt Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat, liema rapport elenka ben sew il-problemi affliggenti lill-imputat, dawk psikjatrici u l-vizzju tad-droga, Dok JS a folio 98 – 118. Semghet ukoll f'dan ir-rigward ir-rapporti verbali ta' Ivan Sultana, Charles Miceli, u Mariella Camilleri - dawn dejjem dwar il-progress jew regress li talvolta kellu l-imputat, tant illi fl-ahhar ta' dawn il-proceduri gie rapurtat lil din il-Qorti li Ludwig Bugeja kien tkecca mill-programm.

Semghet ix-xhieda principali u cioe' Sonia Mizzi, Brian Mizzi, u Michael Mercieca. Il-konjugi Mizzi t-tnejn gharfu lill-imputat bhala l-bniedem li kien fil-vettura taghhom, jipprova b'turnavit jaqla' l-stereo minn gol-vettura taghhom, l-istess persuna li spicca ma' l-art ma' Brian Mizzi, taht l-istess Mizzi, bhala l-istess bniedem li spicca wegga' lil Brian Mizzi ghax fit-taqtiegha mbuttah u kisirlu saqajh. Missier Sonia Mizzi – Michael Mercieca, ukoll kien xhud ta' dan l-incident, li sahansitra flimkien ma' bintu Sonia segwa lill-imputat meta harab minn fuq il-post tar-reat.

Rat ukoll ic-certifikati medici ezebiti fil-konfront tal-griehi sofferti minn Brian Mizzi, Dok BM 1 a folio 20 u Dok BM 2

a folio 34. Anke semghet ix-xhieda ta’ Dr Paul Calleja u Dr Denise Debono fil-konfront ta’ l-istess.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ Manuel Arpa li ta l-istima ta’ l-ispejjez sofferti bhala dannu fuq il-vettura ta’ Mizzi – cioe’ Lm120.75 kif ukoll is-somma ta’ Lm83.77 bhala spare parts. Xehed li ghalhekk il-valur ta’ danni sofferti kien jaqbez l-Lm2,000.00.

Rat ukoll li f’verbal a folio 51 d-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ bhala prova xhieda ta’ l-identita’ fil-konfront tas-sentenzi ezebiti.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ WPC 196 Claire Borg dwar in-nuqqas ta’ permessi a favur l-imputat biex izomm jew igorr xi arma.

Rat ukoll l-istqarrijiet ta’ l-istess Ludvig Bugeja a folio 38 – 43, Dok LB u LB 1. Fihom ammetta l-attentat tas-serqa ta’ l-stereo. Ammetta li gie maqbud. Qal li min qabdu spicca anke jaghtih kemm jiflah. Ammetta li uza turnavit fis-serqa.

Ikkunsidrat:

Illi certament din il-Qorti m’ghandha ebda problema biex issib htija fil-konfront tar-reati addebitati lil Ludvig Bugeja u dan wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(a)(b), 263, 267, 274(b), 271(g), 276, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 19, u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 49, 50 u tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imputat. Tilliberah mill-effetti ta’ l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu ghas-sentenzi mhux ezebiti. Dwar il-piena, kif gia’ qalet din il-Qorti kellha opportunita’ tisma’ dwar il-problemi li bihom huwa afflitt Ludvig Bugeja u d-diversi drabi li falla fil-programmi kontra l-abbuz tad-droga;

Rat anke l-fedina penali aggornata ta' l-istess Bugeja, l-istat taghha jincidi uj hu werrej car tal-progress ta' l-istess imputat, b'dan b'refernza in partikolari ghal zewg reati ta' serq kommessi minn Ludvig Bugeja fis-sena 2008, tenut kont ta' l-opportunitajiet lilu gia' moghtija. Tqis ghalhekk illi l-piena idonea hija dik ta' habs effettiv, u konsegsentement tikkundanna lil Ludvig Bugeja ghal sentejn (2) habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------